## 20 ta' Mejju, 1955

### Imħallef:

### Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

George Zammit *versus* Modesta Briffa et.

### Atti Ġudizzjarji — Notifika — Ċitazzjoni — Nota tal-Eċċezzjonijiet — Kontumaċja — Art. 184 u 186 tal-Proċedura Ċivili.

*In-notifika ta' l-atti ġudizzjarji ssir bil-konsenja ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li għandha tiġi notifikata, jew billi dik il-kopja titħalla fil-post ta' l-abitazzjoni jew tas-sede ta' l-affari ta' dik il-persuna, billi f'dan il-każ dik il-kopja tiġi konsenjata lil xi membru tal-familja jew f'idejn wieħed addett għad-dar jew li jkun fis-servizz ta' dik il-persuna.*

*Meta mbagħad skrittura għandha tiġi notifikata lil żewġ jew iżjed, li joqogħdu flimkien bħal familja waħda, mhux kompriżi sefturi u barranin, huwa biżżejjed li tiġi notifikata kopja waħda biss għal kulħadd, u ta' dan jitniżżel notament fil-kopja stess u fl-oriġinal.*

*Għaldaqstant, ċitazzjoni diretta kontra raġel u mara miżżewġin li jgħixu flimkien hija notifikata regolarment meta tiġi konsenjata kopja waħda ta' dik iċ-ċitazzjoni lir-raġel direttament, u ta' dan jitniżżel in-notament fuq rikardat.*

*Jekk imbagħad ir-raġel ma jirrealizzax l-importanza tan-notifika, u li din in-notifika sservi wkoll għall-martu konvenuta, dan ma hux motiv ġust biex huwa u martu jiġu ammessi jippreżentaw in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom barra t-terminu preskritt.*

Il-Qorti; — Fuq ir-rikors tal-konvenuti, tal-20 ta' April, 1955, fil-fol. 62 tal-proċess;

Tikkunsidra, wara li semgħet lid-difensuri ta' l-attur u lil Dottor Riccardo Farrugia għar-rikorrenti;

Illi l-liġi tirregola n-notifikazzjoni ta' l-atti ġudizzjarji bid-dispożizzjoni ta' l-art. 186 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; skond liema dispożizzjoni, in-notifikazzjoni ssir bil-konsenja ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna lil min l-iskrittura għandha tiġi notifikata, jew billi dik il-kopja titħalla fil-post ta' l-abitazzjoni jew tas-sedi ta' l-affari ta' dik il-persuna, billi f'dan il-każ dik il-kopja tiġi konsenjata lil xi

membru tal-familja, *jew f'idejn wieħed* addett għad-dar, jew li jkun fis-servizz *ta' dik* l-istess persuna. Kif jingħad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-kawża "Delkin vs. Darmanin" (Kollez. XXIV-II-500), minn dik id-dispożizzjoni għandu jiġi dedott illi duplici hija l-forma legali tan-notifikazzjoni ta' l-atti ġudizzjarji, dik li biha l-konsenja ta' l-iskrittura ssir direttament lill-persuna li għandha tiġi notifikata, jew dik li biha l-konsenja tal-kopja ssir indirettament, billi dik l-istess kopja titħalla fid-dar ta' l-abitazzjoni jew fis-sedi ta' l-affarijiet tal-persuna li għandha tiġi notifikata; f'liema każ, però, il-konsenja tal-kopja ta' l-iskrittura għandha ssir jew lil membru tal-familja, jew lil xi ħadd li jkun addett għad-dar jew għas-servizz ta' l-istess persuna;

Illi, fil-każ preżenti, kopja *ta' l-att* taċ-ċitazzjoni ġiet direttament konsenjata *lill-konvenut* Giuseppe Briffa, u kwindi, in rigward *ta' dana, in-notifikazzjoni* ta' dak l-att saret sewwa skond *il-liġi;*

Illi, *riferibbilment* għall-konvenuta Modesta Briffa, dina tgħix *ma' l-imsemmi* konvenut l-ieħor Giuseppe Briffa, u skond il-liġi (art. 184 Kodiċi ċitat), meta skrittura għandha tkun notifikata lil tnejn minn nies, jew iżjed, li jgħixu flimkien bħala familja waħda, mhux kompriżi seftura u barranin, huwa biżżejjed li tiġi notifikata kopja waħda biss għal kulħadd, u ta' dan jitniżżel notament fil-kopja stess u fl-oriġinal;

Illi, fil-każ preżenti, ġiet notifikata kopja waħda biss għaż-żewġ konvenuti, li jgħixu flimkien bħala familja waħda, li mhumiex seftur il-wieħed ta' l-ieħor jew barranin, u n-notifikazzjoni saret billi ġiet mogħtija kopja ta' l-att direttament lil wieħed minnhom, lill-konvenut Giuseppe Briffa; u kwindi n-notifikazzjoni ta' l-att saret sewwa skond il-liġi anki in rigward *tal-konvenuta* Modesta Briffa, billi, ġaladarba hija *tgħix mal-konvenut* Giuseppe Briffa, huwa suffiċjenti, skond *iċ-ċitat artikolu* 184 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li *jkun ġie notifikat,* anki b'kopja waħda biss, l-istess Giuseppe Briffa, li jgħix magħha bħala familja waħda, u dana ġie regolarment, skond il-liġi, notifikat b'dak l-att, billi, skond l-art. 186 tal-Kodiċi ċitat, il-kopja ta' l-att

ġiet imħollija f'idejh, u ta' dan tniżżel in-notament fuq rikordat rikjest mill-liġi;

Illi s-sentenza ċitata mill-konvenut ma tiswiex għall-każ preżenti, għaliex il-fattispeċje tagħha ma jixbħu xejn lill-każ preżenti;

Illi l-fatt li l-konvenut Giuseppe Briffa ma irrealizzax l-importanza tan-notifika, u li dina n-notifikazzjoni kienet ġegħedha ssir anki fill-konvenuta l-oħra mhux motix ġust biex hu u l-konvenuta l-oħra Modesta Briffa jkunu ammessi jippreżentaw in-nota ta' l-eċċezzjonijieet barra mit-terminu preskritt;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi t-talba tar-rikorrenti li jippreżentaw in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom; bl-ispejjeż.